# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 3 ta' Ottubru, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Anthony Zammit**

**Kumpilazzjoni Numru: 514/2016**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Zammit detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 383767 (M).

Akkuzat talli fit-2 ta' Ottubru, 2016 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu (03:00 hrs) f'dawn il-Gzejjer, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Grace k/a Graziella Vella detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 13173 (M) li jghix maghha taht saqaf wiehed biza' li ser tintuza vjolenza kontriha ai termini ta' l-Artikolu 251B Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Grace k/a Graziella Vella detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-

numru 13173 (M), skond kif iccertifika t-tabib Keith Debono (Med. Reg. 3679), mic-Centru tas-Sahha, Mosta, ai termini ta' l-Artikoli 214 u 216 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel lil haddiehor u cioe' lil partner Grace k/a Graziella Vella, ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni, ai termini tal-Artikolu 339 (1) (e), Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti, giet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B, u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsidersazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 222(1)(a), 251B u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-arikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jiu sospiezi ghal perjodu ta' tlett snin. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28G tal-Kpaiotlu 9 qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' supervizzjoni ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti

kontestwalment inkluz dak li jsegwu programm dwar anger management u li ma jdejjaqx, ma jimmolestax u ma javvicinax lill-parte civile Grace Vella.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqoghdx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**